**A.L. 111 tal-2020**

**ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA**
**(KAP. 465)**

**Ordni tal-2020 dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Vulnerabbli**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Vulnerabbli.

Miżuri għall-protezzjoni ta 'persuni vulnerabbli.

**2.** (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, bħala miżura sabiex titnaqqas, titneħħa jew telimina t-theddida għas-saħħa pubblika, b'dan tordna li dawk il-kategoriji ta' persuni elenkati speċifikament fis-subartikolu (2), hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa 'persuni vulnerabbli', għandhom jibqgħu segregati fir-residenza tagħhom.

(2) L-applikabbiltà ta' din il-miżura għandha tkun limitata għal dawn il-persuni vulnerabbli li ġejjin:

(a) persuni ta' ħamsa u sittin (65) sena jew aktar;

(b) nisa tqal;

(ċ) persuni li jbatu mill-mard kroniku u, jew kundizzjonijiet mediċi li ġejjin:

(i) dijabetiċi dipendenti mill-insulina;

(ii) pazjenti li huma immunosoppressi;

(iii) pazjenti li jkunu qed jieħdu xi trattament immunosoppressiv inkluż, imma mhux limitati, għall-użu ta' aġenti bijoloġiċi u immunomodulaturi;

(iv) pazjenti li jbatu mill-kanċer li jkunu għaddejjin minn kimoterapija;

(v) pazjenti li jbatu, jew li sofrew, minn kanċer li jkunu għaddew minn kimoterapija fi kwalunkwe ħin fl-aħħar sitt (6) xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni

(vi) pazjenti fuq dijalisi;

(vii) pazjenti li għandhom jiġu ammessi fl-isptar bi problema respiratorja aggravata;

(viii) pazjenti li, fi kwalunkwe żmien matul l-aħħar sena ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni, ġew ammessi fl-isptar b'problemi respiratorji aggravati;

(ix) pazjenti li jbatu minn mard tal-qalb li għandhom jgħaddu minn intervent kardijaku jew proċedura kirurġika kardijaka;

(x) pazjenti li jbatu, jew li sofrew, minn mard tal-qalb li jkunu għaddew minn intervent kardijaku jew proċedura kirurġika kardijaka fi kwalunkwe ħin matul l-aħħar sitt (6) xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni;

(xi) pazjenti li jattendu klinika tal-mard tal-qalb; u

(xii) pazjenti fuq sterojdi orali:

Iżda għall-finijiet ta' dan l-ordni, kwalunkwe persuna li tissodisfa l-paragrafi (a), (b) jew (ċ) u li tokkupa kariga pubblika, hija Membru tal-Parlament, impjegata fis-settur tas-servizzi tas-saħħa jew hija professjonista fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u, jew, tokkupa pożizzjoni essenzjali ta' kap, għandha tkun eżentata minn din il-miżura sakemm dik il-persuna ma tagħżilx mod ieħor.

(3) Din il-miżura m'għandhiex tapplika f'każ li l-persuni vulnerabbli jkollhom bżonn jitilqu mir-residenza tagħhom sabiex jattendu appuntamenti mediċi, jiksbu kura jew trattament mediku, jakkwistaw ikel, mediċina, ħtiġijiet oħra ta' kuljum, jew sabiex jattendu kwalunkwe kwistjoni personali essenzjali jew urġenti oħra:

Iżda l-persuni vulnerabbli għandhom jillimitaw il-perjodu fil-beraħ għall-inqas ħin possibbli u għandhom f'kull ħin jeżerċitaw distanza soċjali.

(4) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tista', fid-diskrezzjoni assoluta tagħha, teżenta minn din il-miżura kwalunkwe persuna vulnerabbli jew kategorija ta' persuni vulnerabbli msemmija fis-subartikolu (2).

**L.N. 111 of 2020**

**PUBLIC HEALTH ACT**
**(CAP. 465)**

**Protection of Vulnerable Persons Order, 2020**

IN EXERCISE of the powers conferred by article 27(c) of the Public Health Act, the Superintendent of Public Health has made the following order:-

**1.** The title of this order is the Protection of Vulnerable Persons Order, 2020. Citation.

**2.** (1) The Superintendent of Public Health, as a measure to reduce, remove or eliminate the threat to public health, hereby orders that those categories of persons specifically listed in sub-article (2), hereinafter referred to as 'vulnerable persons', are to remain segregated in their residence. Measures for the protection of vulnerable persons.

(2) The applicability of this measure shall be limited to the following vulnerable persons:

(a) persons of sixty-five (65) years of age or over;

(b) pregnant women;

(c) persons suffering from the following chronic illnesses and, or medical conditions:

(i) insulin dependent diabetics;

(ii) patients who are immunosuppressed;

(iii) patients undergoing any immunosuppressive treatment including but not limited to the use of biological agents and immunomodulators;

(iv) patients suffering from cancer who are undergoing chemotherapy;

(v) patients suffering, or who have suffered, from cancer having undergone chemotherapy at any time within the last six (6) months preceding the entry into force of this order;

(vi) patients on dialysis;

(vii) patients who are to be admitted to hospital with respiratory problem exacerbations;

(viii) patients who, at any time within the last year preceding the entry into force of this order, have been admitted to hospital with respiratory problem exacerbations;

(ix) patients suffering from cardiac disease who are to undergo a cardiac intervention or a cardiac surgical procedure;

(x) patients suffering, or who have suffered, from cardiac disease having undergone a cardiac intervention or a cardiac surgical procedure at any time during the last six (6) months preceding the entry into force of this order;

(xi) patients attending a heart failure clinic; and

(xii) patients on oral steroids:

Provided that for the purposes of this order, any person who satisfies paragraphs (a), (b) or (c) and who occupies a public office, is a Member of Parliament, employed in the health services sector or is a healthcare professional, and, or, who occupies an essential headship position, shall be exempt from this measure unless that person chooses otherwise.

(3) This measure shall not apply in the event that the vulnerable persons need to leave their residence to attend medical appointments, obtain medical care or treatment, acquire food, medicine, other daily necessities, or to attend to any other essential or urgent personal matter:

Provided that the vulnerable persons shall limit the period outdoors to the least time possible and shall at all times exercise social distancing.

(4) The Superintendent of Public Health may, in her absolute discretion, exempt from this measure any vulnerable persons or category of vulnerable persons mentioned in sub-article (2).

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**